



# Maltin li għamlu isem

*Kavallier Tony C. Cutajar*

Ħafna kienu l-istoriċi u n-nies fl-awtorità li faħħru l-qlubija tal-Maltin meta jiġu wiċċ imb wiċċ mal-għadu. Din kienet tintwera forsi minħabba l-ħajja iebsa li kienu jgħixu fiha l-Maltin tal-antik. L-istorja turi li dawn kultant kienu juru li jħobbu jieħdu sehem fi sfidi, ġlied u battalji diffiċli. Ħafna kienu dawk li għexu ħajja avventuruża u vvjaġġaw sal-erba' rkejjen tad-dinja. Fost dawn insibu lil Andrea Debono li kien l-ewwel bniedem abjad li daħal fis-Sudan u l-Ammirall Azzopardo li kien jikkmanda bastiment Arġentinjan fil-Paċifiku.

Suldati Maltin ħadu sehem u għenu fil-Gwerra tal-Indipendenza Amerikana u fid-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza – żewġ dati importanti fl-istorja tad-dinja. Fl-1774 Malta offriet is-servizzi ta' mhux inqas minn 1,800 suldat, 482 minnhom Maltin, li kienu jiffurmaw it-Toulon Squadron. Dawn għenu għal rebħa kbira favur l-indipendenza u kontra t-tiranija tal-monarkija fi Franza.

L-istorja militari tinkludi suldati Maltin li tqabdu f'ħafna battalji mad-dinja kollha. Fost dawn insibu l-assedju ta' Ċipru fl-1570, il-battalja navali ta' Lepanto fl-1571, il-battalja leġġendarja ta' Waterloo fl-1815 u l-ewwel attakk tal-gwerra moderna f'Gallipoli fl-1915. Il-Maltin iġġieldu lil Napuljun mhux biss f'pajjiżna iżda wkoll barra minn Malta. Reġiment Malti iġġieled fl-assedju feroċi ta' Capri fl-1808. Kemm l-uffiċjali Ingliżi li kienu jikkmandaw lir-reġiment kif ukoll l-għedewwa Franċiżi wrew rispett unanimu lejn is-suldati Maltin.

Mikiel ta' Malta – Wieħed mill-iżjed karattri magħrufin kien Mikiel, kaptan ta' numru ta' bastimenti pirati tas-seklu 15. Il-kapaċitajiet tiegħu tawh fama kbira fil-Mediterran kollu. Jingħad li kellu bażi qawwija f'Rodi fl-1465 u kien isib kenn f'Ċipru. Huwa kien magħruf mill-Kavallieri ta' San Ġwann ħafna qabel dawn ġew f'pajjiżna. Il-bastimenti tiegħu għenu fid-difiża ta' Malta għax kienu jipproteġu xtutna mill-għedewwa. Mikiel kien ikollu ħafna iktar suċċessi li ma kienx rgħib iżżejjed. Mhux talli kien jattakka l-bastimenti tat-Torok, talli kien jeħodha wkoll kontra dawk tal-Insara. Huwa nqatel waqt battalja qrib Rodi mill-istess forzi navali ta' dik il-gżira.

Matteo Vassallo – Dan kien bniedem ta' kuraġġ kbir li għal ftit ma kienx se jieħu sehem f'battalja waqt l-assedju ta' Malta fl-1551. Meta l-belt tal-Imdina kienet assedjata, huwa sab ruħu maqful barra s-swar. Ma riedx jitlef battalja bħal dik għalhekk resaq lejn il-linji tat-Torok li kienu jdawru l-belt u mar jiġi lejn is-swar. Huwa talab lill-Maltin li kienu jgħassu fuq is-swar biex jitfgħulu ħabel u jtellgħuh. Ma setgħux jgħidulu le u hekk tellgħuh imdendel ma' ħabel biex jiġġieled magħhom għall-ħelsien tal-belt.

Antonio Inguanez – Bħal ħafna żgħażagħ Maltin oħra tas-seklu 17, huwa daħal biex jagħmel karriera bħala baħri. Iżda waqt missjoni ta' tkixxif qrib Alessandrija, huwa nqabad mit-Torok u sar skjav tal-kattiv baxà Charem Celebi. Dan għamel minn kollox biex lil dan iż-żagħżugħ iġagħlu jsir Musulman bħalu u anke wasal biex jittorturah. Mhedded li jaqtgħulu rasu, huwa ċeda u qaleb għal Musulman u sar jismu Morazo. Hu u sejjer fuq qadja għal Celebi, Antonio pprova jaħrab fuq

bastiment tal-merkanzija iżda nqabad, ġie meħud lura u ttrattat ta' annimal. Biex iġagħlu jibqa' Alessandrija, sidu ġagħlu jiżżewweġ tifla Musulmana ta' ħdax-il sena. Iżda Antonio baqa' jipprova jaħrab u t-tieni darba rnexxielu. Rikeb bastiment Franċiż u wasal Malta fejn tressaq quddiem l-Inkiżitur li bħala penitenza talli qaleb ir-reliġjon waħħlu multa iebsa.



Giovanbattista Zahra (Zaghara) – Kien l-ewwel Malti li fis-seklu 17 mar fl-artijiet misterjużi tal-Indja u ċ-Ċina. Jingħad li kien jitkellem tnax-il lingwa u li vvjaġġa mal-Ewropa kollha. Għal xi żmien huwa kien impjegat bħala interpretu fil-palazz Musulman f'Kostantinopli. Huwa mar l-Indja xi erba' darbiet meta kien jaħdem mal-familja irjali Spanjola. Meta wasal il-Persja, iċ-Ċiniżi ma ħallewhx imur 'l hemm mill-belt imperjali ta' Canton. Wara karriera bħala ambaxxatur tar-Reġina Spanjola, Zahra daħal mar-riġment tal-kavallerija ta' Sqallija. Iżda ma damx ma ddejjaq u mar Ruma fejn bl-għajnuna tal-Kardinal Barberini huwa sar kaptan tar-reġiment. L-arja ta' Ruma ma qablitx miegħu u miet fl-1637.

(Ikompli)


Yani's Detergent Shop



Detergents, toiletries,
cosmetics & much more..

Shop 5
Triq ic-Cawsli
San Gwann

Mob: 77775853
Vat no: 2041-2331

Email:
dassier18@hotmail.com